# Wignacourt, l-Akwedott u l-Ark ta' Fleur-de-Lys

Antoine Attard



Meta l-Ordni ta' San Ġwann tilfet il-Gżira ta' Rodi lill-Imperu Ottoman fl-1522, ma setgħux isibu kenn imkien. L-Imperatur Karlu V offrilhom lil Malta. L-Ordni ma tant kien ħerqan li jiġu hawn, kemm minħabba li ma kellniex difiża tajba kontra attakki tal-għadu u kemm minħabba li l-art kienet xotta, bla xmajjar u muntanji.

Imma fl-aħħar mill-aħħar l-Ordni ma kelliex għażla u fl-1530 il-Granmastru L'Isle Adam wasal Malta. Il-ġlied mal-qawwa tal-Imperu Ottoman issokkta b'battalji feroċi. Kien għalhekk li l-Ordni ħasbet li tibni belt ġdida fuq l-għolja Xiberras. Wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, eżatt 450 sena ilu, il-Granmastru Jean de Vallette ħaffef biex jagħti bidu għall-proġett tal-bini tal-Belt il-Ġdida li ġġib ismu. Dan beda jseħħ fl-1566.

Kienet Belt mill-ġentlomi għall-ġentlomi. Belt li kien fiha palazzi, bereġ, fortizzi, swar qawwija u knejjes maestużi bit-tmien lingwi tal-Ordni jikkompetu min minnhom isebbaħ l-isbaħ binja tiegħu. Ma kien jonqosha xejn il-Belt il-Ġdida ħlief ħaġa waħda. Kellha problema ta' provista adegwata ta' ilma!



Ma setax ikun li l-Belt tibqa' sserraħ fuq il-provista tal-ilma bil-braken u l-bgħula mill-Marsa fejn kien hemm l-eqreb nixxiegħa. Ma kienx biżżejjed li kien hemm ordnijiet stretti biex kull binja ġdida fil-Belt ikollha ġwiebi mħaffra fil-blat! Il-problema saret dejjem aktar urġenti meta l-popolazzjoni tal-Belt aktar minn irduppjat.

Kien għalhekk li fl-1595 l-Ordni ddeċidiet li tqabbad lill-Ġiżwita Padre Jacobo biex jipprepara disinji li kellhom iwasslu l-ilma min-numru ta' nixxigħat ġewwa r-Rabat sal-Belt. Madanakollu l-Ordni ma kelliex flus biex twettaq il-proġett. Fl-1601 laħaq Granmastru tal-Ordni, Alof de Wignacourt, wild familja nobbli mill-Provinċja ta' Piccardi min-naħa ta' fuq ta' Franza. Flimkien ma' Kavallieri oħra Wignacourt kien ġie Malta biex jagħti sehmu fit-taqbida kontinwa kontra l-Mislem. Wignacourt kien gwerrier qalbieni, iżda kien ukoll maħbub mhux ftit mis-sudditi tiegħu. Huwa kien jinżel kuljum iżur lill-morda fis-Sacra Infermerija, illum Dar il-Mediterran. Kien jgħin lil kull min kien jersaq lejh għall-għajnuna. Kien bena fortizzi kbar u b'saħħithom biex jindokra l-kosta bħat-torri ta' San Pawl, it-torri ta' Santa Marija ġo Kemmuna, u t-torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk. Kien strumentali biex fl-1607 twaqqfet il-Fondazzjoni tar-Redenzjoni tal-Iskjavi, u biex inġib Malta l-pittur ta' fama Michelangelo Merisi de Caravaggio, li kompla żejjen knejjes u palazzi b'pittura tant famuża, bħall-Qtugħ ir-ras ta' San Ġwann il-Battista u San Ġiloramu, li jinsabu fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann.

Iżda forsi l-akbar opra ta' Wignacourt kienet il-wasla tal-ilma fil-Belt Valletta. Kien fl-1610 li Wignacourt offra li jħallas minn butu parti kbira għall-bini ta' Akwedott li mir-Rabat kellu jwassal l-ilma lill-Belt. Kien eżatt 400 sena ilu, fil-21 ta' April 1615, li l-ilma wasal fi Pjazza San Ġorġ b'ferħ kbir għall-Granmastru u l-Kavallieri u l-poplu kollu. Saru festi kbar u kien hemm briju kbir! . "Sa issa l-Belt kienet ġisem mejjet, issa l-ispirtu ta' l-ilma reġa' ta l-ħajja" kienet tgħid l-irħama fin-nofs tal-Ark tħares lejn il-Belt. U hekk kien. Il-Belt ingħatat il-ħajja.

Dan il-proġett swew lill-Granmastru 115,000 skud li flimkien ma' 40,000 skud ieħor maħruġa mill-Ordni, marru biex tħallsu l-ispejjeż kollha tal-Akwedott.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-problemi fil-binja ta' dan l-Akwedott ma naqsux. Wara li tħaffru trinek mir-Rabat sa Ħ'Attard l-art f'daqqa waħda tbaxxiet u l-ilma ma felaħx jerġa' jitla'. L-Inġinier inkarigat, patri Ġizwita ieħor Padre Natale Tomasucci, ħarab minn Malta iżda l-imgħallem Ġiovanni Attard ippropona li l-ilma jgħadduh fuq arkati. Hekk sar, u allura nbnew dawk il-ħnejjiet sbieħ li uħud minnhom jgħaddu proprju min-nofs ir-raħal tagħna.

Mhux hekk biss! Meta ħa l-inkariġu l-Inġinier Boloniż Bontadino de Bontadini dan iddisinja dik

l-Ark sabiħa fid-daħla tar-raħal tagħna. Kienet monument f'ġieħ proġett enormi li wassal l-ilma tant bżonnjuż lill-Belt Kapitali.

L-Akwedott kien fattur li saqqa wkoll tant komunitajiet bħal Ħal-Lija, Ħ'Attard, u Ħal Balzan, Birkirkara, Santa Venera, l-Ħamrun, u l-Furjana, u saħansitra Ħal Qormi u Ħaż- Żebbuġ, u li tant kabbar il-kummerċ f'dawn l-irħula li kibret il-popolazzjoni tagħhom.
L-Ark ta' Fleur-de-Lys kien għarfien għall-benefattur ewlieni, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt; lis-600 ħaddiem li ħadmu għal 5 snin sħaħ biex iwettqu l-proġett; lil Bontadini li taħt il-ħarsien tiegħu twettaq il-proġett.

It-tliet ġilji fuq l-Ark taw l-isem lill-lokal li fuqha nbniet il-Komunità tagħna. Għalhekk l-Ark hija importanti għalina. Hija l-Ark li tatna identità. L-istemma tal-Granmastru hija proprju t-tliet ġilji, il-Fleur-de-Lys, li jidhru fuq dan il-Monument. Aħna għalhekk kburin li l-isem sabiħ ta' Fleur-de-Lys huwa marbut intimament mal-istorja ta' pajjiżna: ma' Wignacourt, mal-Akwedott, mal-Ark ta' Fleur-de-Lys.

Kemm huwa importanti għalhekk li aħna r-residenti nagħrfu aktar il-patrimonju tagħna, li nkunu kburin bih u ngħożżuh! Issa li se jerġa' jkollna replika tal-Ark ta' Fleur-de-Lys wara li nqerdet aktar minn 70 sena ilu mill-militar Ingliż, għadna nieħdu l-okkażjoni biex infittxu aktar fuq l-istorja tar-raħal tagħna. Illum ir-raħal tagħna mhux aktar triq kummerċjali li twassal għal Birkirkara. Illum ir-raħal tagħna kiber u tkun vera ħasra jekk l-400 sena tal-Akwedott u l-bini mill ġdid tal-Ark, inħalluh jgħaddi mingħajr ma nħossu l-ħtieġa li nfittxu aktar x'inhuma l-għeruq tal-Komunità ta' Fleur-de-Lys.

